MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 717/2011

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Josef Cilia (Id. 2080G).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, wiehed u disghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€591.92) minghand il-konvenut, in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru 51057690 moghtija lilu mis-socjeta' attrici. U peress li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-imghax u bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali 474/11 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2012 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, u in vista tal-ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, wiehed u disghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€591.92), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.    L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------